MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 180/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Desmond Falzon**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija kontra Desmond Falzon talli fit-13 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tal-12.30 p.m. f'Tal-Pieta`:

1. hebb ghal martu Helen Lorna Falzon u ghal ibnu Andrea Falzon sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;
2. hedded u ingurja lil Helen Lorna Falzon u lil Andrea Falzon bil-kliem;
3. vlontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

L-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' kundanna, barra milli taghti l-piena skond il-ligi, torbat lil Desmond Falzon b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti u dan ghas-sigurta` ta' Helen Lorna Falzon u ta' Andrea Falzon;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Desmond Falzon hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ammenda ta' hmistax-il lira (Lm15) u ordnatlu jaghmel obbligazzjoni ghas-sigurta` tal-persuni ta' Helen Lorna Falzon u Andre` (Andrea) Falzon u biex jinzamm il-bon-ordni b'garanzija personali ta' mitt lira (Lm100) ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Desmond Falzon, minnu ppresentat fit-8 ta' Ottubru, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrizolvi ruhhu fi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena.

Issa, din il-Qorti ser tiskarta ghal kollox id-deposizzjoni ta' Helen Lorna Falzon peress li din xehdet b'mod pjuttost konfuz. Però a bazi tad-deposizzjonijiet tas-Surgent 1021 Joseph Urpani u tal-Kuntistabbli 1408 Christopher Agius din il-Qorti tara li l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacentement pruvati. Ma jistax jinghad l-istess, però, ghat-tielet imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena din il-Qorti ma tara li hemm lok ta' ebda varjazzjoni fil-piena. Tosserva però li filwaqt li l-ewwel qorti ordnat li jkun hemm il-garanzija fir-rigward kemm ta' l-omm kif ukoll tat-tifel Andrea, l-obbligazzjoni ffirmata mill-appellant quddiem l-ewwel qorti tkopri biss lil Helen Lorna Falzon. Ghalhekk din il-Qorti tordna li l-appellant jobbliga ruhhu ukoll bil-mod hawn infraskritt.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss in kwantu sabet lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna lill-appellant li jobbliga ruhhu bil-miktub bil-mod infraskritt.

**Il-Pulizijav.Desmond Falzon**

**<u>Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9</u>**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Desmond Falzon**, kif riformata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 18 ta' Marzu, 2004, jien hawn taht iffirmat, Desmond Falzon, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li nzomm il-kwiet ma' Andrea Falzon, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm 100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal tnax-il xahar mill-lum.

________________________
(Desmond Falzon)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 18 ta' Marzu, 2004.

________________________
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------